



EUROPEAN UNION



EU MISSIONS

ADAPTATION TO CLIMATE CHANGE



Karta

Missjoni dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima

N.B. Is-Segretarjat tal-Missjoni se jevalwa l-impenn tar-reġjuni u tal-komunitajiet, bħall-awtoritajiet lokali, permezz tat-tweġibiet u l-evidenza pprovduti fl-[Istħarriġ tal-UE](#). Abbażi ta' dan, ir-reġjuni u l-awtoritajiet lokali se jiġu mistiedna jiffirmaw il-Karta tal-Missjoni.

Għaliex tingħaqad mal-Missjoni?

Billi taderixxi ma' din il-Karta u mal-isforzi li saru mill-Missjoni dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima, ir-reġjun tiegħek se jsir parti minn komunità ta' prattiki dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima u se jkollu l-opportunità li joħloq network u jaqsam il-prattiki ma' reġjuni u komunitajiet oħra fl-Ewropa.

Il-Forum annwali tal-Missjoni se jstimula skambji dinamiċi, kondiviżjoni ta' esperjenzi, jieħu rendikont tal-progress kollettiv fil-kisba tal-oġettivi tal-Missjoni, u jikkontribwixxi biex jidderieġi l-azzjonijiet tagħha.

Meta tiffirma l-Karta, se tikseb ukoll aċċess għas-servizzi tal-Pjattaforma għall-Implimentazzjoni tal-Missjoni li se tkun operattiva fil-bidu tal-2023. Dawn se jinkludu:

- Għajnuna fl-aċċess għall-għarfien u għall-metodi dwar il-valutazzjonijiet tar-riskju klimatiku;
- Aċċess għal eżempji tal-aħjar prattiki minn reġjuni oħra u għal informazzjoni dwar l-aħjar riżultati tar-riċerka;
- Appoġġ biex dawn l-eżempji u r-riżultati tar-riċerka jintrabtu ma' pjanijiet ta' adattament, pjanijiet direzzjonali jew perkorsi ta' adattament lokali;
- Aċċess għal għodod, eżempji u l-aħjar prattiki għall-interazzjoni u għall-involviment maċ-ċittadini;
- Pariri dwar sorsi possibbli ta' finanzjament pubbliku u privat għall-adattament.

Kif tista' tkun parti minn dan?

Ir-rappreżentanti mir-reġjuni u mill-komunitajiet, bħall-awtoritajiet lokali, se jkunu l-firmatarji tal-Karta tal-Missjoni.

Il-Karta mhijiex vinkolanti. Madankollu, billi tiffirmah, inti tiddikjara r-rieda tiegħek li tikkoopera u tallinja l-intenzjonijiet ma' firmatarji oħra, li timmobilizza r-riżorsi u li tiżviluppa attivitajiet fir-reġjun tiegħek biex tilħaq l-għanijiet ta' adattament.

Entitajiet oħra, bħal istituzzjonijiet ta' riċerka, negozji jew organizzazzjonijiet mhux governattivi jistgħu japprovaw il-Karta biex jiddikjaraw l-appoġġ tagħhom għall-Missjoni.

Aktar informazzjoni

Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil EU-CLIMATE-ADAPTATION-MISSION@ec.europa.eu.

Karta tal-Missjoni

Jien, li ffirmajt hawn taħt, nirrappreżenta r-reġjun jew l-awtorità lokali fil-bżonn ta' adattament għat-tibdil fil-klima.

L-awtorità li nirrappreżenta hija impenjata li tirsisti għar-reżiljenza għall-klima sal-2030.

L-awtorità li nirrappreżenta hija impenjata li tagħti spinta lill-isforzi ta' adattament reġjonali u lokali permezz tal-involviment taċ-ċittadini fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet u permezz tal-istimolu tal-investimenti minn sorsi pubbliċi u privati.

L-awtorità li nirrappreżenta lesta li twettaq xi wħud mill-azzjonijiet li ġejjin biex toħloq il-kundizzjonijiet biex tinkiseb ir-reżiljenza għall-klima u biex tappoġġa l-Missjoni dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima:

- Nużaw l-aħjar għarfien disponibbli biex inwettqu valutazzjonijiet tar-riskju tal-klima fir-reġjun tagħna u niżguraw li kulħadd ikollu aċċess għar-riżultati;
- Nużaw dan l-għarfien biex nappoġġaw liċ-ċittadini, l-intraprendituri, ix-xjenzati u dawk li jfasslu l-politika fit-tfassil u t-twettiq ta' azzjonijiet għall-adattament għat-tibdil fil-klima;
- Infasslu trajettorji li bihom ir-reġjuni tagħna se jsiru reżiljenti għall-klima sal-2030;
- Ninvolve liċ-ċittadini fit-teħid tad-deċiżjonijiet u nippermittulhom jipparteċipaw fl-ittestjar jew fil-valutazzjoni ta' soluzzjonijiet differenti ta' adattament;
- Nimmobilizzaw ir-riżorsi u niżviluppaw attivitajiet fir-reġjun tagħna biex nilħqu l-għanijiet ta' adattament;
- Nappoġġaw id-dimostrazzjoni u l-użu ta' soluzzjonijiet ta' adattament għat-tibdil fil-klima;
- Nipparteċipaw fi skambji ta' esperjenzi u attivitajiet ta' kollaborazzjoni ma' reġjuni oħra;
- Nieħdu rendikont tal-progress kollettiv fil-kisba tal-oġettivi tal-Missjoni u nikkontribwixxu għall-aġġustament tad-direzzjoni tagħha u mmexxu l-azzjonijiet tagħha.